



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Lulju 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0399(COD)

9279/1/22
REV 1 ADD 1

INST 192
JUR 353
JUSTCIV 71
CODEC 740
PARLNAT 111

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li jiġi adottat ir-REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 805/2004 fir-rigward tal-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju sabiex jadattah għall-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fit-28 ta' Ġunju 2022

I. INTRODUZZJONI

1. Fl-14 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni adottat Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta għadd ta' atti legali fil-qasam tal-Ġustizzja li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea¹.
2. Fl-20 ta' Marzu 2018, il-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) adotta approċċ ġenerali parzjali² li ma kienx ikopri l-atti 1 u 3 tal-proposta li dwarhom kienu mistennija proposti paralleli tal-Kummissjoni. Peress li għall-atti 1 u 3³ saru proposti paralleli, fl-20 ta' Diċembru 2018 il-Kunsill adotta l-approċċ ġenerali⁴ tiegħu li jkopri l-adattament tal-uniku att li kien fadal, ir-Regolament (KE) Nru 805/2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux kontestati⁵.
3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-sessjoni plenarja tiegħu fis-17 ta' April 2019⁶.
4. Id-diskussjonijiet interistituzzjonali fil-livell tekniku dwar il-proposta bdew fil-5 ta' Diċembru 2019, taħt il-Presidenza Finlandiża. Minn dak iż-żmien 'l hawn saru tliet laqgħat fil-livell tekniku: tnejn taħt il-Presidenza Kroata, fit-30 ta' Jannar 2020 u fl-20 ta' Frar 2020, u t-tielet waħda fl-10 ta' Marzu 2022, taħt il-Presidenza Françiża. F'din il-laqgħa, intlaħaq qbil proviżorju fil-livell tekniku.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, fil-laqgħa tiegħu tal-25 ta' Mejju 2022, ikkonferma dan it-test ta' kompromess finali bil-ħsieb ta' qbil⁷.

¹ ST 5705/17.

² ST 6932/18.

³ ST 9620/18, ST 9622/18.

⁴ ST 14955/18.

⁵ ĠU L 143, 30.4.2004, p. 15.

⁶ P8_TA(2019)0411.

⁷ ST 9280/22.

6. Fit-2 ta' Ġunju 2022, il-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Affarijiet Legali approva t-test ta' kompromess finali. Sussegwentement, fit-3 ta' Ġunju 2022 il-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali bagħat ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fejn indika li, jekk il-Kunsill jibgħat formalment lill-Parlament Ewropew il-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari f'konformità mat-test ta' kompromess maqbul fil-livell tekniku, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jirrakkomanda lill-Plenarja li l-Parlament japprova fit-tieni qari l-pożizzjoni tal-Kunsill mingħajr ebda emenda, soġġett għal verifika mill-ġuristi-lingwisti.

II. OBJETTIV

7. Il-proposta kienet tikkonċerna l-allinjament mal-qafas legali previst mit-Trattat ta' Liżbona ta' tliet atti leġislattivi fil-qasam tal-Ġustizzja li meta saret il-proposta kienu għadhom qed jirreferu għall-proċedura regolatorja bi skrutinju stabbilita mill-Artikolu 5a tad-Deċizzjoni tal-Kunsill 1999/468/KE⁸. Sadanittant, l-Att 1 (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001) u l-Att 3 (ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007) tal-proposta tal-Kummissjoni ġew allinjati permezz ta' proposti paralleli separati. L-oġġettiv huwa għalhekk li l-att li fadal (ir-Regolament (KE) Nru 805/2004) jinġieb f'konformità mat-Trattat ta' Liżbona billi l-għoti tas-setgħat li jirreferi għall-proċedura regolatorja bi skrutinju jiġi adattat għal atti delegati jew għal atti ta' implimentazzjoni.
8. Dan ir-Regolament huwa konformi mal-impenn meħud mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁹ biex il-leġislazzjoni eżistenti tiġi allinjata mal-qafas legali introdott mit-Trattat ta' Liżbona.

⁸ Deċizzjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23).

⁹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

A. Osservazzjonijiet ġenerali

9. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew wettqu negozjati bil-ġħan li jikkonkludu qbil bikri fit-tieni qari abbażi ta' pożizzjoni fl-ewwel qari tal-Kunsill li l-Parlament Ewropew ikun jista' japprova kif tkun. It-test tal-pożizzjoni fl-ewwel qari tal-Kunsill jirrifletti bis-sħiħ il-kompromess li ntlaħaq bejn il-koleġislaturi.

B. Osservazzjonijiet speċifiċi

10. Mill-bidu tad-diskussjonijiet, kien hemm qbil bejn il-koleġislaturi li l-ġħoti tas-setgħa fir-Regolament (KE) Nru 805/2004 li jagħmel referenza għall-proċedura regolatorja bi skrutinju kellu jiġi adattat għas-setgħat delegati peress li ta lill-Kummissjoni s-setgħa li temenda l-Annessi għal dan ir-Regolament. Kien hemm pożizzjonijiet diverġenti dwar il-perjodu ta' oġġezzjoni għall-att delegat: filwaqt li l-Kunsill seta' jaċċetta t-tul ta' żmien standard propost mill-Kummissjoni (xahrejn li jistgħu jiġu estiżi b'xahrejn oħra fuq l-inizjattiva tal-Parlament jew tal-Kunsill), il-Parlament ippropona perjodu ta' oġġezzjoni ta' tliet xhur, li jista' jiġi estiż b'xahrejn oħra. Fil-laqgħa teknika tal-10 ta' Marzu 2022, il-Parlament indika li kien lest li jitbiegħed mill-pożizzjoni diverġenti tiegħu dwar it-tul tal-perjodu ta' oġġezzjoni, biex b'hekk titwitta t-triq għal test ta' kompromess.

11. Fis-sustanza, il-pożizzjoni fl-ewwel qari tal-Kunsill tikkorrispondu fil-biċċa l-kbira tagħha għall-approċċ ġenerali tal-Kunsill, b'bidliet żgħir fil-formulazzjoni tal-għoti tas-setgħa biex tirrifletti l-lingwaġġ diġà maqbul fir-Regolament 2019/1243 li jadatta għadd ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea¹⁰. Il-format tat-test huwa differenti b'mod sinifikanti meta mqabbel mal-proposta tal-Kummissjoni biex jirrifletti aħjar li att wieħed biss għad irid jiġi allinjat b'dan ir-Regolament, wara t-tneħħija taż-żewġ atti l-oħra li kienu parti mill-proposta inizjali tal-Kummissjoni. Għalhekk, l-Anness tneħħa u l-kontenut tiegħu ġie inkorporat fit-test tal-att.

IV. **KONKLUŻJONI**

12. Il-pożizzjoni fl-ewwel qari tal-Kunsill dwar Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 805/2004 fir-rigward tal-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju biex jallinjat mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tirrifletti bis-sħiħ il-kompromess li ntlaħaq fin-negozjati bejn ir-rappreżentanti tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew, iffaċilitat mill-Kummissjoni. Dan il-kompromess huwa kkonfermat bl-ittra li l-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali indirizza lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fit-3 ta' Ġunju 2022.

¹⁰ ĠU L 198, 25.7.2019, p. 241.